**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 647/2022DC**

***Bariza Rahal***

***vs***

***Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurta',***
***ir-Riformi u l-Ugwaljanza et***

Illum, it-18 ta' Settembru, 2023

**Il-Qorti**

*Dan huwa degriet permezz ta' liema qed jiġi deċiż rikors tal-konvenuti l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali u l-Avukat tal-Istat (ai fini ta' dan ir-rikors imsejħa "ir-rikorrenti"), preżentat fil-25 ta' Novembru 2022*[1]*.*

## <u>PRELIMINARI</u>

Illi kif jirriżulta mir-rikors ġuramentat tagħha, l-azzjoni tentata mill-attriċi hija waħda ai termini ta'l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' liema qed titlob inter alia li l-Qorti tiddikjara li *d-deċiżjoni tal-21 ta' Jannar 2022 tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali tmur kontra l-Artikolu 469A(1)(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex hija ultra vires,* u li *d-deċizjoni tat-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali tas-27 ta' Jannar 2022 hija nulla għaliex il-proċedura adottata mit-Tribunal kif ukoll din id-deċiżjoni stess tmur kontra l-prinċipji tal-Ġustizzja Naturali u/jew kien hemm enunċjazzjoni ħażina jew inkompleta ta` l-ipotesi tal-liġi.*

Illi fit-22 ta' Novembru 2022, fuq talba ta'l-attriċi, inħareġ mandat ta' taħrik ta' xhieda[2] fil-konfront tas-Segretarju tat-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni

[1] A fol 41.
[2] A fol 40A.

Internazzjonali jew rappreżentat ta'l-istess *sabiex tixhed dwar id-deċizjoni tat-Tribunal wara li t-talba għall-azil tar-rikorrenti Bariza Rahal kienet ġiet irrifjutata, ir-raġunijiet għalfejn ittieħdet din id-deċizjoni u informazzjoni dwar il-proċedura użata, in partikolari l-accelerated procedure f'dan il-kaz u anke in ġenerali inklużi statistiċi dwar meta u kif qegħdin jintużaw l-proċeduri aċċellerati, u t-tifsira ta' manifestly unfounded u biex iġġib miegħek il-dokumenti kollha relattivi inkluż 1-file tar-rikorrenti*.

Illi permezz tar-rikors odjern, u b'referenza għad-degriet mgħoti fit-22 ta' Novembru 2022, ossia it-taħrika ta' xhieda, ir-rikorrenti talbu lil Qorti *tirrevoka parzjalment contrario imperio d-digriet tagħha tat-22 ta' Novembru 2022, billi:*

*(i)* ...
*(ii)* ...
*(iii)* *tirrevoka 1-parti tad-digriet fejn laqgħet illi x-xhieda mħarka jixhdu dwar statistika ġenerali fuq l-accelerated procedure u t-tifsira ta' manifestly unfounded; u*
*(iv)* *teżenta x-xhieda milli jipproduċu pariri legali u minuti li potenzjalment jinstabu fil-files tal-Aġenzija u tat-Tribunal.*[3]

Illi dwar it-tielet u r-raba' talba tar-rikorrenti, waqt l-udjenza miżmuma fid-29 ta' Novembru 2022[4], l-avukati ta'l-attriċi iddikjaraw:

- *li dwar l-istatistika ġenerali fuq l-accelerated procedure u t-tifsira fuq il-manifestly unfounded jirriżervaw illi jitolbu dan it-tagħrif, jekk ikun hemm bżonn, aktar 'il quddiem wara li tinstema' x-xiehda ta' Dr Sara Ezabe; u*
- *li m'għandhomx oġġezzjoni illi pariri legali u minuti li jkun fihom referenza għal dawn il-pariri legali ma jiġux prodotti fl-atti tal-kawża.*

Illi in vista ta' dak dikjarat il-Qorti, kif diversament presjeduta, permezz ta' degriet mgħoti dak in-nhar, laqgħet l-ewwel, it-tieni u r-raba' talbiet tar-rikorrenti u f'dak l-istadju astjeniet milli tiddeċiedi t-tielet talba ladarba f'dak il-mument l-attriċi ma kenitx qed tinsisti għat-tagħrif mitlub.

Illi waqt l-udjenza miżmuma fit-22 ta' Ġunju 2023[5], meta kienet qed tixhed Dr Sarah Ezabe in rappreżentanza ta' l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali, u peress li l-informazzjoni li kienet qed tintalab mix-xhud kienet il-mertu tat-tielet talba tar-rikorrenti liema talba kienet baqgħet pendenti, l-Avukat Dr Michael Camilleri għall-attriċi talab li tingħata deċiżjoni dwar it-tielet talba tar-rikors odjern.

---

[3] L-ewwel żewġ talbiet kienu jikkonċernaw l-eżenzjoni ta' persuni speċifikatament imsemmija fit-taħrika minħabba li ma setgħux jidhru fil-ġurnata indikata.
[4] Verbal a fol 47.
[5] Verbal a fol 194.

Illi minn qari tar-rikors odjern u tan-nota preżentata f'l-10 ta' Lulju 2023[6] jidher li l-oġġezzjoni tar-rikorrenti għall-informazzjoni rikjesta mill-attriċi in kwantu tirreferi għal statistika dwar l-proċedura aċċellerata hija bażata fuq il-fatt li fil-fehma tagħhom it-talba għal din l-informazzjoni kellha ssir lill-awtorita konċernata fit-termini tal-Kapitolu 496 tal-Liġijiet ta' Malta li jirregola l-għoti ta' informazzjoni, inkluz kif u f'liema fora jiġi kontestat ir-rifjut ta'l-għoti ta' l-informazzjoni rikjesta. Ir-rikorrenti jikkontendu ukoll li fi kwalunkwe kaz din l-informazzjoni mhiex rilevanti għall-istħarriġ li għandha tagħmel din il-Qorti u ser isservi biss għal eżerċizzju akkademiku dwar l-proċedura aċċellerata.

Illi dwar *it-tifsira ta' manifestly unfounded* r-rikorrenti jinsistu li d-deċiżjonijiet impunjati huma esebiti f'l-atti proċesswali u għandhom *jittieħdu abbażi tat-tifsira tal-liġijiet viġenti*. Jikkontendu ukoll li fil-proċeduri odjerni dak li għandu jiġi mistħarreġ mhux il-mertu tad-deċiżjoni imma il-mod kif l-awtorita konċernata waslet għal dik id-deċiżjoni.

Illi da parti tagħha l-attriċi tikkontendi li hija qed tikkontesta il-mod kif ġew użati il-proċeduri aċċellerati fil-konfront tagħha u għalhekk jekk hemm standard guidelines dwar meta applikazzjoni għandha titqies manifestamanet infondata u statistiċi dwar proċeduri aċċellerati din l-informazzjoni għandha tingħata lill-Qorti. Aktar minn hekk l-attriċi tikkontendi li l-informazzjoni rikjesta hija essenzjali għaliex minnha jista' jirriżulta jekk hiex qed tiġi addotata il-proċedura aċċellerata fil-konfront ta' kwalunkwe persuna li ġejja minn pajjiż sigur, policy li l-attriċi tikkontendi li hija żbaljata. Aktar minn hekk l-attriċi tikkontendi li d-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 496 ma japplikawx fil-każ in eżami.[7]

Ikkunsidrat

## KUNSIDERAZZJONIJIET

Illi jibda biex jigħad li l-ġbir tal-provi, ix-xhieda u l-preżentata ta' dokumenti f'proċeduri ġudizzjarji huma primarjament reġolati mill-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux mill-Kapitolu 496 li huwa intiż biex jirregola l-aċċess lill-pubbliku għall-informazzjoni miżmuma minn awtoritajiet pubbliċi. U għalkemm fid-dispożizzjonijiet li jirreġolaw il-produzzjoni ta' dokumenti il-Kapitolu 12 jagħmel referenza għal xi dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 496, dan, cioe il-Kapitolu 496, ma jissostitwiex ir-regoli tal-proċedura naxxenti mill-Kapitolu 12. Hekk stabbilit il-Qorti ta'l-Appell fis-sentenza mgħotija fil-kawża *Dr Stephanie Muscat pro et noe vs Il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku* et deciża fil-31 ta' Mejju 2019, meta qalet li:

---

[6] A fol 451.
[7] Ref risposta a fol 456.

*id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 496 tal-Liġijiet ta' Malta mhumiex maħsuba li jissostitwixxu r-regoli tal-proċedura li jinsabu fil-Kodiċi Proċedurali dwar smigħ ta' kawżi, iżda għandhom jitfissru b'riferenza għal din. Dan jingħad għaliex l-għan tal-Kapitolu 496 mhuwiex l-istess bħall-għan li għalih jintalab quddiem xi qorti t-tressiq ta' dokument bħala prova.*

Illi konsegwentement jekk fil-kors ta' xi proċeduri ġudizzjarji tkun meħtieġa xi informazzjoni miżmuma minn awtorita pubblika, anke jekk waħda li taqa' taħt definizzjoni ta'l-istess ai fini tal-Kapitolu 469, xejn ma jimpedixxi li rappreżentant ta' dik l-awtorita pubblika jitħarrek bħala xhud biex jagħti kull informazzjoni rikjesta f'dawk il-proċeduri gudiżżjarji diment li jiġu osservati d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 12 dwar il-ġbir tal-provi.

Ikkunsidrat

Illi l-artikolu 590(2) tal-Kapitolu 12 jipprovdi li *ebda xhud ma jista' jiġi mġiegħel jiżvela xi informazzjoni miġjuba minn jew li għandha x'taqsam ma' xi dokument li għalih japplika l-artikolu 637(3).*

Illi f'l-artikolu 637(3) il-Kapitolu 12 mbagħad jistabilixxi li *ma tistax tintalab il-produzzjoni ta' xi dokument li hu miżmum minn awtorità pubblika.* Din il-projbizzjoni mhiex waħda ġenerali iżda hija soġġettata għal żewġ kundizzjonijiet. Fil-fatt skond l-istess artikolu 637(3) dokument miżmum mill-awtorita pubblika u li tiegħu ma tistax tintalab il-produzzjoni irid ikun wieħed:

a) *li hu dokument eżentat taħt l-artikoli 29, 30 jew 36(1) jew is-subartikoli (4) jew (5) tal-artikolu 32 tal-Kapitolu 496: jew*
b) *li l-iżvelar tiegħu hu pprojbit minn xi liġi oħra.*

Illi minn qari ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet huwa ċar li informazzjoni miżmuma minn awtorita pubblika u rikjesta f'xi proċeduri ġudizzjarji għandha titqies privileġġjata **biss** jekk tiġi pruvata xi waħda miċ-ċirkostanzi imsemmija f'dawk id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 496 imsemmija f'l-artikolu 637(3) tal-Kapitolu 12 u għalhekk jekk tirreferi ghal xi dokument "privileġġjat" skond l-artikoli 29, 30, 32(4), 32(5) u 36(1) tal-Kapitolu 496.

Illi l-artikolu 29 tal-Kapitolu 496 jirreferi għal *dokumenti li jolqtu s-sigurtà nazzjonali, difiża u relazzjonijiet internazzjonali, u dokumenti tal-Kabinett;* l-artikolu 30 jirreferi għal *dokumenti li jolqtu l-infurzar tal-liġi u l-ħarsien tas-sigurtà pubblika;* l-artikolu 32 jirreferi għal *dokumenti li għandhom x'jaqsmu ma' affarijiet ta' negozju, l-ekonomija u r-riċerka.* M'għandu jkun hemm l-ebda dubbju li dawn id-dispożizzjonijiet ma japplikawx għall-informazzjoni rikjesta mill-Aġenzija fil-proċeduri odjerni.

Illi mbagħad skond l-artikolu 36(1) tal-Kapitolu 496 huma eżenti dokumenti *miżmuma minn kwalunkwe awtorita pubblika meta dawk id-dokumenti jiżvelaw opinjonijiet, pariri jew rakkomandazzjonijiet kif ukoll deliberazzjonijiet li jkunu saru, fil-kors tal-proċessi deliberattivi.* L-istess artikolu 36 pero jipprovdi għal eċċezzjoni għar-regola stabbilita fis-subartikolu (1). Fil-fatt fis-subartikolu (2) hemm stabbilit ukoll li s-subartikolu (1) *m'għandux japplika għal dokument għar-raġuni waħdanija ta' informazzjoni purament fattwali li tkun fid*-dokument.

Illi din l-eċċezzjoni ġiet ikkonfermata fis-sentenza fuq ċitata *Dr Stephanie Muscat pro et noe vs Il-Kummissjoni għas*-*Servizz Pubbliku* meta l-Qorti ta' l-Appell qalet hekk:

> *... safejn id-dokumenti milquta mid-degriet appellat jitlobu l-kxif ta' xi pariri jew konsluti li jkunu ingħataw minn jew lil xi awtorità pubblika (il-liġi fin-nota marġinali tal-artikolu ssejħilhom "working documents interni"), dawn huma tabilħaqq milquta bħala dokumenti privileġġati kif irid l-artikolu 36(1) tal-Kap 469.* ***Iżda huwa fatt ukoll li dik id-dispożizzjoni ma tgħoddx safejn xi parti mid-dokument tintalab għal għanijiet purament ta' tagħrif fattwali li jkunu jinsabu f'dak id-dokument***[8]

Ikkunsidrat

Illi kif intqal ir-rikorrenti qed jiġġezzjonaw għall-għoti ta' informazzjoni li tirrigwarda statistika ġenerali dwar l-proċedura aċċellerata, kif ukoll dwar it-tifsiera tal-kliem *manifestament infondata*. Stabbilit li l-informazzjoni rikjesta mill-attriċi mhiex miġjuba minn, u m'għandhiex x'taqsam ma', xi dokumenti li għalihom jirreferu l-artikoli 29, 30, 32(4) u 32(5) tal-Kapitolu 496, jibqa biex jigi determinat hekk l-informazzjoni mhiex projbita a bażi ta'l-artikolu 36.

Illi m'għandu jkun hemm l-ebda dubbju li b'l-għoti ta' informazzjoni dwar statistika ġenerali x-xhud mhux ser ikun qed jiżvela opinjonijiet, pariri, rakkomandazzjonijiet jew deliberazzjonijiet li jkunu saru fil-kors ta' xi proċess deliberattiv speċifiku. Konsegwentement fir-rigward ta' din l-informazzjoni mitluba ma japplikaw l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi elenkati f'l-artikolu 673(3) u li jiġġustifikaw il-projbizzjoni minnha naxxenti.

Illi fir-rigward ta' l-oġġezzjoni għal informazzjoni dwar it-tifsiera tal-kliem *manifestament infondata* l-Qorti tikkonċedi li r-rikorrenti għandhom raġun f'l-asserzjoni li hija l-Liġi, f'l-artikolu 2 tal-Kapitolu 496, li tistabilixxi t-tifsira li għandha tingħata lil kliem *manifestament infondata* jew aħjar f'liema ċirkostanzi

[8] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

applikazzjoni għandha titqies bħala manifestament infondata. Tikkonċedi ukoll li fid-deċizjonijiet li dwarhom qed tilmenta l-attriċi (l-ewwel waħda ta'l-Aġenzija u t-tieni waħda tat-Tribunal ta'l-Appell) hemm indikat a bażi ta' liema ċirkostanzi minn dawk elenkati f'l-artikolu 2 l-applikazzjoni ta'l-attriċi ġiet ikkunsidrata manifestament infondata.

Illi pero għandu jiġi rilevat li, skond dak li saqsa l-Avukat Dr Michael Camilleri lix-xhud Dr Sarah Ezabe[9] u anke mir-risposta ta'l-attriċi, jidher li dak li qed titlob l-attriċi hija informazzjoni dwar l-eżistenza u implimentazzjoni ta' standard guidelines jew standard operating procedures dwar meta applikazzjoni għandha titqies manifestament infondata aktar milli informazzjoni dwar x'tifsiera ingħatat mill-Aġenzija u t-Tribunal[10].

Illi kif ntqal l-artikolu 36(1) tal-Kapitolu 469 jikklassifika bħala privileġġjati dawk il-pariri, opinjonijiet, rakkomandazzjonijiet u deliberazzjonijiet *li jkunu saru **fil-kors** tal-proċessi deliberattivi*. Standard operating procedures jew standard guidelines pero mhumiex pariri, opinjonijiet jew rakkomandazzjonijiet li jsiru fil-kors ta' xi proċess deliberattiv speċifiku, imma huma linji gwida, redatti a priori, u li "jgħinu" lil dak l-organu kompetenti f'kull deliberazzjoni f'każijiet li għalihom japplikaw dawk il-linji gwida. Għalhekk l-informazzjoni rikjesta mill-attriċi in kwantu tirreferi għal standard operating procedures u/jew standard guidelines m'għandhiex titqies bħala privileġġjata. Konsegwentment anke fil-każ ta' din l-informazzjoni mitluba ma japplikaw l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi elenkati f'l-artikolu 673(3) u li jiġġustifikaw il-projbizzjoni minnha naxxenti.

Ikkunsidrat

Illi r-rikorrenti pero jikkontendu ukoll li l-informazzjoni rikjesta dwar statistika relattiva għall-proċedura aċċellerata hija irrilevanti għall-istħarriġ li jeħtieg li jsir f'dan il-każ.

Illi skond ma jipprovdi l-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

- *kull prova għandha tkun rilevanti għall-kwistjoni fil-kawża bejn il-partijiet[11]; u*
- *il-qorti għandha tiċħad li tinġieb kull prova li jidhrilha li mhix rilevanti jew li hija żejda, jew li jidhrilha li mhix l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib[12].*

Illi dwar dawn id-dispożizzjonijiet pronunzjat ruħha il-Qorti ta'l-Appell Inferjuri fis-sentenza mgħotija fit-12 ta' Mejju 2003 fil-kawża f'l-ismijiet *Carmelina Scicluna vs Paul Farrugia*; dik il-Qorti qalet hekk:

[9] Ref l-ewwel mistoqsija a fol 204.
[10] Fit-taħrika ma jirriżultax b'mod daqshekk ċar li din kienet l-informazzjoni li qed tintalab.
[11] L-artikolu 558.
[12] L-artikolu 560(1).

> *L-artikolu 558 jibda biex jipprovdi li "kull prova għandha tkun rilevanti għall-kwestjoni fil-kawża bejn il-partijiet". Li jfisser li tali prova tkun ammissibbli jekk hija logikament rilevanti għall-fattijiet in kwestjoni bejn il-partijiet. Dan ifisser ħaġa waħda. Min jipproponi t-talba jehtieglu juri b'konvinciment illi mhux biss teżisti konnessjoni loġika iżda fuq kollox li din il-konnessjoni tkun b'mod li għal lanqas mill-prova loġikament tinġibed inferenza rilevanti.*

Illi fil-każ in eżami dak li qed jiġi dibattut huwa l-egħmil amministrattiv li wassal għat-teħied tad-deċiżjonijiet tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali u tat-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali dwar it-talba ta'l-attriċi għal protezzjoni internazzjonali magħmula ai termini ta'l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali[13]. B'mod partikolari jidher li l-attriċi qed tilmenta dwar l-applikabbilita tal-proċedura acċċellerata fid-determinazzjoni tat-talba tagħha għall-protezzjoni internazzjonali.

Illi pero statistika dwar il-proċedura aċċellerata mhiex ser tgħin lil din il-Qorti fid-deliberazzjonijiet tagħha għaliex dak li qed jiġi mistħarreġ fil-każ in eżami huwa l-egħmil li wassal għad-deċizjoni fil-każ ta' l-attriċi. Kwalunkwe informazzjoni dwar kemm il-darba, anke jekk f'każijiet simili, u f'liema ċirkostanzi intużat l-proċedura aċċellerata m'hi ser tibdel xejn fil-każ ta'l-attriċi għaliex dak li seta' ġara f'każijiet oħra anke jekk simili għal tagħha huwa irrelevanti.

Illi konsegwentement it-talba tar-rikorrenti dwar l-għoti ta' informazzjoni li tirrigwarda statistika dwar il-proċedura aċċellerata hija ġustifikata in kwantu l-informazzjoni rikjesta hija irrilevanti.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa it-tielet talba tal-konvenuti l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali u l-Avukat tal-Istat dedotta fir-rikors preżentat fil-25 ta' Novembru 2022 limitatament għal dak li jirrigwarda informazzjoni dwar statistika relattiva għall-proċedura aċċellerata u tiċħad it-talba għal kumplament.

Spejjeż riżervati għal ġudizzju finali.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

---

[13] Il-Kapitolu 420 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**